TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 120/13/F

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Louis Spiteri**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ġunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tmien mija u tlieta w sittin ewro (€1,863), rappreżentanti xogħol inferjuri fuq il-faċċata tad-dar tiegħu, tal-qoxra fuq il-fil billi bdiet taqa' l-qoxra li għamel fuq il-faċċata.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi xi ħmistax-il sena ilu huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmillu l-faċċata tad-dar tiegħu fuq il-qoxra u ġiegħlu wkoll jagħmel il-qatran biex ikun jista' jikkumbatti l-umdita' u wara dan iż-żmien kollu beda jaqa' il-ġebel.

L-intimat issottometta li għadda ħafna żmien u li żgur mhuwiex responsabbli, kif ukoll beda jaqa' fejn kien hemm il-qatran, filwaqt li hu kien tah parir li l-qatran ma kellux bżonn jagħmlu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi t-talba hija preskritta *ai termini* tal-artikoli 215 tal-Kodiċi Ċivili, stante li għadda ħafna żmien minn meta sar ix-xogħol.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888